MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2009

Numru. 1192/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Omar Ibrahim ta' 27 sena iben Ibrahim u mwieled f'Addis Ababa, fl-Etiopia, fl-01/01/1982, detentur tan-numru tal-pulizija 08XX-076 mahrub minn Safi Barracks.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Omar Ibrahim u cioe` talli fil-11 ta' Novembru 2009 kif ukoll fix-xhur ta' qabel, f'Malta, tgha jew gieghel jghati xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew tgharif ta' fatti foloz lill-Ufficjal tal-Immigrazzjoni. U dan bi ksur tal-Artikolu 32(1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentament ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u dan bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukoll talli fl-14 ta’ Dicembru 2008 u fix-xhur ta’ qabel u ta’ wara f’Malta ikkommetta harba minn post ta’ kustodja pubbliku, u dan bi ksur tal-Artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liemaa ammisjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tgahtu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidarat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu .

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat izda l-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat huwa bniedem mahrub.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 32(1)(c) tal-Kapitolu 217, 17h, 189 u l-artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta filwaqt li ssibu hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta’ seba’ (7) xhur prigunerija.

Il-Qorti tordna li l-atti flimkien ma kopja tas-sentenza jigu notifikati lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------